MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 238/2009

Kawza fil-lista: 2

**A C personalment**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri**
**D E u F E**
**u dan permezz ta' digriet datat 30 ta' Lulju 2009**
**vs**
**G E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal F u D li twieldu rispettivament fl-20 ta' Settembru 1999 u fis-17 ta' Mejju 2001 minn relazzjoni li kellhom bejniethom;

Illi r-relazzjoni ta’ bejniethom spiccat, u l-minuri baqghu jghixu ma’ l-attrici;

Illi l-konvenut ilu zmien twil ma jhallas manteniment ghal minuri, u l-ispejjez edukattivi;

Illi l-minuri gew soggettati ghal abbuz fiziku da parti tal-konvenut;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghall-istanza odjerna;

Ghalhekk qed titlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f’ idejn l-attrici ommhom;

2. Tillikwida l-manteniment dovut mill-konvenut ghal minuri b’ effett mill-1 ta’ Ottubru 2008 inkluzi l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni u sahha tal-minuri wkoll mill-istess data inkluzi l-arretrati;

3. Tillikwida l-arretrati ta’ manteniment dovuti mill-konvenut mill-1 ta’ Lulju 2007 sa Novembru 2007 u tordna lil konvenut ihallas l-istess lill-attrici;

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-kura u kustodja ghandha tkun kongunta;

2. Illi jaqbel li jigi ffissat manteniment li hu ghandu jhallas ghal htigijiet tal-minuri, in linea mad-digriet pendente lite moghti fit-2 ta’ Mejju 2009 (655/09), b’ dan izda li tigi kapitalizzata somma wahda li tinkludi fiha spejjez ta’ edukazzjoni;

3. Illi huwa dejjem hallas manteniment u l-ispejjez edukattivi;

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonanti u li tinsab esebita fil-process a fol. 24 sa 25 (Appendix A);

Rat l-atti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li tigi akkordata lilha l-kura u kustodja esklussiva taz-zewg tfal minuri tal-partijiet, kif ukoll sabiex il-konvenut ihallas manteniment ghall-istess.

Illi b’ nota kongunta prezentata mill-partijiet fit-2 ta’ Dicembru 2010, dawn ipprezentaw skrittura privata datata 26 ta’ Novembru 2010 a fols. 147 u 148 tal-process u li kopja taghha qed tigi annessa mal-process odjern biex tifforma parti integrali mill-istess (Appendix B); u li fiha l-partijiet lahqu ftehim fuq il-pendenzi meritu ta’ din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, prevja li taddotta fl-intier tieghu dan il-ftehim tas-26 ta’ Novembru 2010, tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici fit-termini ta’ l-istess ftehim.

Spejjez bla taxxa.

**Imhallef**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------